

Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11843/23
ADD 1

DRS 41
ECOFIN 776
EF 235

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D090395/01
Suġġett:	Obbligazzjoni ta' Lokazzjoni f'Bejgħ u Lokazzjoni Lura Emendi għall-IFRS 16

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D090395/01.

Mehmuż: D090395/01

MT

D090395/01

ANNEX

**Obbligazzjoni ta' Lokazzjoni f'Bejgħ u Lokazzjoni
Lura**

Emendi għall-IFRS 16

Emendi għall-IFRS 16 Lokazzjonijiet

Il-paragrafi 102A, C1D u C20E huma miżjuda u l-paragrafu C2 huwa emendat. Tiżdied intestatura ġdida qabel il-paragrafu C20E.

Tranżazzjonijiet ta' bejgħ b'lokazzjoni lura

...

Valutazzjoni dwar jekk it-trasferiment tal-assi huwiex bejgħ

...

Trasferiment tal-assi huwa bejgħ

...

- 102A Wara d-data tad-dekorrenza, il-bejjiegħ lokatarju għandu japplika l-paragrafi 29–35 għall-assi bid-dritt tal-użu li jirriżulta mil-lokazzjoni lura u l-paragrafi 36–46 għall-obbligazzjoni ta' lokazzjoni li tirriżulta mil-lokazzjoni lura. Fl-applikazzjoni tal-paragrafi 36–46, il-bejjiegħ lokatarju għandu jiddetermina “pagamenti ta' lokazzjoni” jew “pagamenti ta' lokazzjoni riveduti” b' mod li l-bejjiegħ lokatarju ma jirrikonoxxi l-ebda ammont ta' qligħ jew telf relatat mad-dritt ta' użu miżmum mill-bejjiegħ lokatarju. L-applikazzjoni tar-rekwiżiti f'dan il-paragrafu ma żżommx lill-bejjiegħ lokatarju milli jirrikonoxxi fi profitt jew telf kwalunkwe qligħ jew telf relatat mat-terminazzjoni parzjali jew sħiħa ta' lokazzjoni kif meħtieġ mill-paragrafu 46(a).

...

Appendiċi C

Data effettiva u tranżizzjoni

Data effettiva

- ...
- C1D *Obbligazzjoni ta' Lokazzjoni f'Bejgħ u Lokazzjoni Lura*, maħruġ f' Settembru 2022, emenda l-paragrafu C2 u żied il-paragrafi 102A u C20E. Bejjiegħ lokatarju għandu japplika dawn l-emendi għal perjodi ta' rapportar annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara. Applikazzjoni aktar bikrija hija permessa. Jekk bejjiegħ lokatarju japplika dawn l-emendi għal perjodu aktar bikri, dan għandu jiddivulga dak il-fatt.

Tranżizzjoni

- C2 Għall-finijiet tar-rekwiżiti fil-paragrafi C1–C20E, id-data tal-applikazzjoni inizjali hija l-bidu tal-perjodu ta' rapportar annwali li fih entità tapplika dan l-Istandard għall-ewwel darba.

...

Obbligazzjoni ta' lokazzjoni f'bejgħ u lokazzjoni lura

- C20E Bejjiegħ lokatarju għandu japplika *Obbligazzjoni ta' Lokazzjoni f'Bejgħ u Lokazzjoni Lura* (ara l-paragrafu C1D) b'mod retrospettiv f'konformità mal-IAS 8 għal tranżazzjonijiet ta' bejgħ u lokazzjoni lura li jsiru wara d-data tal-applikazzjoni inizjali.